



Il-Kummissjoni
Ewropea

L-ISKEDA INFORMATTIVA TA' MALTA

DIĊEMBRU 2015

IL-KUNTRATTI DIĠITALI GĦALL-EWROPA



X'inhum l-potenzjal li għadu mhux sfruttat tal-kummerċ elettroniku transfruntier f'Malta?

Negozji

Minkejja t-tkabbir rapidu tal-kummerċ elettroniku, ħafna min-negozji f'Malta għadhom mhumiex jieħdu dak kollu li jistgħu mis-Suq Uniku Diġitali. **22% tal-bejjiegħa bl-imnut Maltin biss** ibigħu online lil konsumaturi f'pajjiżi oħrajn tal-UE, filwaqt **li kważi d-doppju (40%)** ibigħu online f'pajjiżhom stess.

40%

Id-differenzi fil-liġijiet nazzjonali dwar il-kuntratti huma ostakolu kbir għall-bejgħ transfruntier għal **tlieta minn kull għaxar bejjiegħa bl-imnut Maltin** (32%) li bħalissa jbigħu online.

32%

Konsumaturi

Lanqas il-konsumaturi f'Malta ma huma qegħdin jilħqu l-potenzjal kollu tal-għażla usa' ta' prodotti u prezzijiet aħjar. **39%** biss mill-konsumaturi Maltin jixtru online minn pajjiżi oħrajn tal-UE.

55%

Il-fiduċja baxxa għandha rwol qawwi: **55% biss mill-konsumaturi Maltin iħossuhom kunfidenti** meta jixtru online minn pajjiż ieħor tal-UE.

Tlieta mill-ikbar għaxar raġunijiet li jħassbu lill-konsumaturi meta jixtru online minn pajjiżi oħrajn tal-UE huma marbutin mad-drittijiet ewlenin tal-liġijiet dwar il-kuntratti, bħan-nuqqas ta' kunsinna tal-ordni tagħhom, il-kunsinna ta' prodott ħażin jew bil-ħsara, jew it-tiswija u l-bdil ta' prodott li ma jaħdimx.

Tal-inqas **70 miljun konsumatur fl-UE esperjenzaw problema waħda jew iktar** b'erba' tipi popolari ta' kontenut diġitali (mużika, anti-virus, loġhob, ħżin fil-cloud) tul l-aħħar 12-il xahar. Madankollu, **10%** biss mill-konsumaturi li esperjenzaw problemi rċivew rimedji. Minħabba dawn il-problemi mhux solvuti, il-konsumaturi fl-UE ġarrbu detriment finanzjarju u mhux finanzjarju li huwa stmat li jinsab fil-medda ta' €9-11-il biljun.

10%

X'inhil s-soluzzjoni li qiegħda tipproponi l-Kummissjoni Ewropea?

Il-Kummissjoni qiegħda tipproponi żewġ Direttivi: waħda għall-kontenut diġitali u l-oħra għall-prodotti. Flimkien, se jn jiżguraw li jkun hemm l-istess regoli ewlenin tal-liġi dwar il-kuntratti li japplikaw madwar l-UE għax-xiri online ta' prodotti u l-forniment ta' kontenut diġitali.

Negozji

Dawn id-Direttivi kif se jn itejbu l-ħajja għan-negozji f'Malta?

In-negozji f'Malta se jn ikunu jistgħu jfornu kontenut diġitali u jbigħu prodotti online lil konsumaturi minn madwar l-UE, fuq il-bażi tal-istess set ta' regoli tal-liġi dwar il-kuntratti. Dan se jn isaħħaħ iċ-ċertezza legali u joħloq ambjent favorevoli għan-negozju.



Meta jfornu kontenut diġitali, in-negozji Maltin se jn jevitaw l-intopp ta' frammentazzjoni legali li qiegħed jirriżulta minħabba n-nuqqas ta' regoli li japplikaw madwar l-UE u l-fatt li wħud mill-Istati Membri qegħdin jibdeu jimplementaw leġiżlazzjonijiet nazzjonali speċifiċi. Meta jbigħu l-prodotti, in-negozji se jn jiffrankaw l-ispejjeż ta' adattament għar-regoli tal-liġi dwar il-kuntratti ta' kull Stat Membru fejn jixtiequ jbigħu.



Ir-regoli komuni madwar l-UE se jn inaqqsu t-tħassib għall-konsumaturi marbut mal-liġi dwar il-kuntratti. Iktar **konsumaturi** se jn jagħmlu l-qalb u **jibdeu jixtru online minn pajjiżi oħrajn tal-UE**, u b'hekk jinħoloq suq li jlaħħaq mas-**70 miljun** xerrej transfruntier online. Dan se jn jiftaħ swieq ġodda u se jn ikollu benefiċċju partikolari għal imprezi żgħir u medji (SMEs), li jixtiequ jibnu l-kljentela tagħhom u spiss iridu jimirħu mis-suq ta' pajjiżhom.



Konsumaturi

Dawn id-Direttivi kif se jn itejbu l-ħajja għall-konsumaturi f'Malta?

Il-konsumaturi f'Malta se jn ikollhom aċċess għal offeriti mingħand iktar negozjanti minn madwar l-UE u, għalhekk, se jn jibbenefikaw minn **għażla ikbar ta' prodotti, bi prezzijiet iktar kompetittivi**.

Il-konsumaturi se jn ikollhom drittijiet speċifiċi b'livell għoli ta' protezzjoni meta jaċċessaw il-kontenut diġitali u jixtru prodotti online. Għall-kontenut diġitali, ir-regoli se jn ikunu japplikaw indipendentement minn jekk il-konsumaturi jħallsux bi flus kontanti jew jagħtux id-dejta personali tagħhom lill-fornitur sabiex jaċċessaw il-kontenut (eż. kemm jirreġistraw).

KONTENUT DIĠITALI:



Ir-responsabbiltà tal-fornitur għad-difetti: Jekk il-kontenut diġitali jkun difettuż, il-konsumatur jista' jitlob rimedju. Ma hu sejjer ikun hemm ebda limitu ta' żmien għar-responsabbiltà tal-fornitur għat-tali difetti, għaliex – għall-kuntrarju ta' prodotti – il-kontenut diġitali mhuwiex soġġett għal xedd u kedd.



Bidla fl-oneru tal-provi: Jekk il-kontenut diġitali huwa difettuż, mhijiex sejra tkun ir-responsabbiltà tal-konsumatur li juri bil-provi li d-difett kien jeżisti meta ġie pprovdut, iżda il-fornitur iridu juri li dan mhuwiex il-każ. Din hija xi ħaġa importanti meta titqies l-għamla teknika tal-kontenut diġitali meta jista' jkun partikolarment diffiċli għall-konsumaturi sabiex juru bil-provi x'inhi l-kawża ta' problema.



Id-dritt li jintemm kuntratt: Il-konsumaturi sejjer ikollhom id-dritt li jtemmu kuntratti fit-tul, u l-kuntratti li l-forniment jagħmel bidliet kbar fihom.

PRODOTTI:



Bidla fl-oneru tal-provi għal sentejn: Bħalissa, f'Malta, għal perjodu ta' sitt xhur, konsumatur li jitlob rimedju għal prodott difettuż ma għandux bżonn juri bil-provi li d-difett kien jeżisti fi żmien il-kunsinna; huwa f'idejn il-bejjiegħ li juri bil-provi li dan mhuwiex minnu. Il-perjodu ta' żmien li matulu l-bejjiegħ għandu dan l-oneru tal-provi issa sejjer jiġi estiż għal sentejn.



Ebda dmir ta' notifika: Il-konsumaturi mhu-miex sejrin jitilfu drittijietom jekk ma jgħarrfux lill-bejjiegħ dwar difett fi ħdan ċertu perjodu ta' żmien, bħal kif inhu l-każ bħalissa f'Malta.



Difetti minuri: Jekk il-bejjiegħ ma jkunx jista' jew ma jirnexxilux isewwi jew jibdel prodott difettuż, il-konsumaturi sejjer ikollhom id-dritt li jtemmu l-kuntratt u jitraddew lura flushom anki f'każijiet ta' difetti żgħir.

Dawn id-Direttivi kif sejrin jikkontribwixxu għat-**tkabbir ekonomiku?**

It-tneħħija tal-ostakoli marbutin mal-liġi dwar il-kuntratti sejra tħaffef il-kummerċ transfruntier.



L-attività ekonomika msaħħa hija mistennija iżjed **il-PDG tal-UE b'€4 biljun** mil-livell attwali tagħha.



Il-PDG ta' Malta b'mod partikolari huwa mistenni jżied b'madwar **€4 miljun**.



Il-kompetizzjoni ikbar sejra tbaxxi l-prezzijiet għall-konsumaturi madwar l-UE kollha. Dan sejjer iwassal għal iktar ġid għall-konsumatur u huwa stmat li l-konsum domestiku fl-UE sejjer jżied bi **€18-il biljun** mil-livell attwali tiegħu.



F'**Malta**, it-tnaqqis fil-prezzijiet għall-konsumatur huwa stmat li sejjer iżid il-konsum domestiku b'€5 miljun.

SORSI:

- *Flash Eurobarometer 396 'Retailers' attitudes towards cross-border trade and consumer protection' (2015)*
- *Flash Eurobarometer 413 'Companies engaged in online activities' (2015)*
- *Eurostat Survey on Internet purchases by individuals (2015)*
- *Eurobarometer 397 'Consumer attitudes towards cross-border trade and consumer protection' (2014)*
- *'Consumer surveys identifying the main cross-border obstacles to the Digital Single Market and where they matter most', GfK (2015)*
- *'Economic Study on Consumer Digital Content Products', ICF International (2015)*
- *'The Macro-economic Impact of e-Commerce in the EU Digital Single Market' (2015)*

Věra Jourová, Commissioner for Justice, Consumers and Gender Equality  #VeraJourova

Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi  #EU_consumer  EUJustice  EUJustice

#DigitalSingleMarket
<http://ec.europa.eu/justice/dsm>



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet